

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/865

tal-24 ta' Mejju 2022

**li tawtorizza lir-Repubblika Ċeka biex tintroduċi miżura specjalni li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (1), u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikolu 287, il-punt (7), tad-Direttiva 2006/112/KE iħalli lir-Repubblika Ċeka (iċ-Ċekja) teżenta mit-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) lil persuni soġġetti għat-taxxa li l-fatturat annwali tagħhom ma jaqbiżx l-ekwivalenti ta' EUR 35 000 fil-munita nazzjonali bir-rata tal-konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni tagħha.
- (2) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fit-23 ta' Novembru 2021, iċ-Ċekja talbet awtorizzazzjoni biex tintroduċi miżura specjalni li tidderoga mill-Artikolu 287, il-punt (7), tad-Direttiva 2006/112/KE u b'hekk teżenta mill-VAT lil persuni soġġetti għat-taxxa li l-fatturat annwali tagħhom ma jaqbiżx l-ekwivalenti ta' EUR 85 000 fil-munita nazzjonali bir-rata tal-konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni tagħha ("il-miżura specjalni"). Il-miżura specjalni tkun applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2024, id-data sa meta l-Istati Membri għandhom jittraspunu d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/285 (2). Minn dik id-Direttiva jirriżulta li, mill-1 ta' Jannar 2025, l-Istati Membri ser jitħallew jeżentaw mill-VAT il-provvista ta' merkanzija u ta' servizzi magħmula minn persuni soġġetti għat-taxxa li l-fatturat annwali tagħhom fi Stat Membru partikolari ma jaqbiżx il-livell limitu ta' EUR 85 000 jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali.
- (3) Skont l-Artikolu 395(2), it-tieni subparagraphu, tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni bagħtiet it-talba li għamlet iċ-Ċekja lill-Istati Membri l-oħra, permezz tal-ittra bid-data tas-16 ta' Diċembru 2021. Permezz tal-ittra bid-data tal-20 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni għarrfet liċ-Ċekja li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tivvaluta t-talba.
- (4) Il-miżura specjalni hija konformi mad-Direttiva (UE) 2020/285, li tfittem li tnaqqas il-piż tal-konformità tal-impriziż ż-żgħar u tevita d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern.
- (5) Il-miżura specjalni ser tibqa' fakultattiva għall-persuni soġġetti għat-taxxa peress li xorta jistgħu jagħżlu l-arranġamenti normali tal-VAT skont l-Artikolu 290 tad-Direttiva 2006/112/KE.
- (6) Skont l-informazzjoni pprovduta miċ-Ċekja, il-miżura specjalni ser ikollha effett negħiġibbli biss fuq l-ammont kumplessiv tad-dħul mit-taxxa li ġi-żgħiex fl-Regolament (KEE) Nru 1553/89.
- (7) Wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2021/769 (3), ma għandu jsir l-ebda kalkolu ta' kumpens miċ-Ċekja fir-rigward tad-dikjarazzjoni tar-riżorsi propriji tal-VAT mis-sena finanzjarja 2022 'il-quddiem.

(1) ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

(2) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/285 tat-18 ta' Frar 2020 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-iskema specjalni għall-impriziż ż-żgħar u r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-kooperazzjoni amministrativa u l-iskambju ta' informazzjoni għall-finijiet tal-monitora għġieg korretta tal-iskema specjalni għall-impriziż ż-żgħar (ĠU L 62, 2.3.2020, p. 13).

(3) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2021/769 tat-30 ta' April 2021 li jemenda r-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 dwar l-arranġamenti uniformi definitivi għall-ġbir ta' riżorsi propriji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud (ĠU L 165, 11.5.2021, p. 9).

- (8) Peress li ċ-Ċekja qed tistenna li l- miżura speċjali ser tirriżulta fi tnaqqis tal-obbligi tal-VAT u b'hekk fi tnaqqis tal-piż amministrattiv u tal-ispejjeż ta' konformità kemm għall-impriżi ż-żgħar kif ukoll għall-awtoritajiet tat-taxxa, u peress li mhu ser ikun hemm l-ebda impatt kbir fuq id-dħul totali ġgħenerat mill-VAT, jenħtieġ li ċ-Ċekja tiġi awtorizzata tintroduċi l-miżura speċjali.
- (9) Jenħtieġ li l- l-applikazzjoni tal-miżura speċjali tkun limitata fiż-żmien. Jenħtieġ li l-limitu ta' żmien ikun biżżejjed biex jippermetti li l-Kummissjoni tevalwa l-effettivitā u l-adegwatezza tal-livell limitu. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2020/285, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sal-31 ta' Diċembru 2024, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 1 ta' dik id-Direttiva, li temenda d-Direttiva 2006/112/KE u tistipula regoli tal-VAT aktar sempliċi għall-impriżi ż-żgħar, u għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2025. Għalhekk, jixraq li ċ-Ċekja tiġi awtorizzata tapplika l-miżura speċjali sal-31 ta' Diċembru 2024,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

*Artikolu 1*

B'deroga mill-Artikolu 287, il-punt (7), tad-Direttiva 2006/112/KE, iċ-Ċekja hija awtorizzata li teżenta mill-VAT lill-persuni soġġetti għat-taxxa li l-fatturat annwali tagħhom ma jaqbiżx l-ekwivalenti ta' EUR 85 000 fil-munita nazzjonali bir-rata tal-konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni tagħha.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

Għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2024.

*Artikolu 3*

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ċeka.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Mejju 2022.

*Għall-Kunsill  
Il-President  
B. LE MAIRE*